C/2024/2220

18.3.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11323 – SKG / WESTROCK)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/2220)

1. Fil-11 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Smurfit Kappa Group plc ("SKG"), kumpannija kkwotata fil-Borża inkorporata fl-Irlanda.

— WestRock Company ("WestRock"), kumpannija kkwotata fil-Borża inkorporata fl-Istati Uniti.

SKG se tidħol f'amalgamazzjoni sħiħa skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet ma' WestRock.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— SKG hija kumpanija multinazzjonali tal-karti u tal-imballaġġ. Hija attiva fil-manifattura u l-bejgħ ta' (i) materjali tal-kisi korrugati, folji, u kaxxetti, (ii) folji u kaxex tal-kartun solidu, (iii) kartun u kartun li jintewa, (iv) prodotti tal-imballaġġ speċjalizzati, (v) makkinarju tal-imballaġġ, u (vi) derivattivi tal-karta bħal karta għar-rimi u polpa riċiklati.

— WestRock hija fornitur multinazzjonali tal-karti u soluzzjonijiet tal-imballaġġ. Hija attiva fil-manifattura u l-provvista tal-kartun, tal-kartun li jintewa, tal-kartun tal-kontejners, u tal-prodotti tal-ippakkjar ikkorrugati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11323 – SKG / WESTROCK

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË